# Id-Devozzjoni lejn San Leonardu fil-Knisja tal-Vitorja f'Ħal Qormi ddedikata lil Marija Bambina

**Remigio Zammit**

*Permezz ta' din il-pubblikazzjoni ta' spiss insemmu kemm il-kult ta' San Anard hu wieħed antik u li fil-passat kien igawdi minn devozzjonijiet mferrxa ma' Malta u Għawdex. Kif rajna f'diversi artikli f'ħarġiet passati, illum ħafna minn dawn id-devozzjonijiet għadhom riflessi fi kwadri u rappreżentazzjonijiet f'diversi knejjes u kappelli. Fost dawn insibu l-Knisja tal-Vitorja ġewwa Ħal Qormi li dwarha Remigio Zammit ġabar xi informazzjoni sabiex iwasslilna dan l-artiklu.*

Kien propju nhar l-Għid il-Kbir ta' din is-sena, meta attendejt għaċ-ċelebrazzjoni tal-Irxoxt ġewwa Ħal Qormi. Inzertajt ħdejn il-knisja ta' Marija Bambina, kif inhi magħrufa Tal-Vitorja. Qatt qabel ma kont dħalt u ħsibt li nittawwal ftit. Kont veru sorpriż meta nnutajt li wieħed mill-artali huwa ddedikat lil San Leonardu. Nistqarr, li qatt qabel ma kont naf li fl-antik, ġewwa Ħal Qormi kienet teżisti devozzjoni lejn il-Qaddis Patrun tagħna San Anard. Għaldaqstant, ħsibt li naqsam l-informazzjoni li ġbart mad-devoti u partitarji ta' San Anard.





***Il-Knisja tal-Vitorja minn barra u minn ġewwa (ritratti David Galea)***



*Is-salib kommemorattiv biswit il-knisja (ritratt Roderick Busuttil)*

Waħda mill-knejjes li hemm f'Ħal Qormi hi dik iddedikata lil Marija Bambina magħrufa bħala tal-Vitorja. Din hi waħda mill-ħafna knejjes filjali li hemm Ħal Qormi. Nafu li għal xi żmien din il-knisja kienet magħrufa wkoll bħala "Tal-Fuqqanija".

**Oriġini ta' din il-knisja**

Id-data ta' meta ġiet mibnija din il-knisja għadha mhux magħrufa. Nafu li x'aktarx inbniet għall-ħabta tal-1657. Li hu żgur hu li fis-sena 1686 kienet diġà mibnija. Meta d-delegat appostoliku u inkwiżitur Monsinjur Pietro Dusina żar Ħal Qormi fl-1575, semma li din il-kappella kienet iddedikata lill-Assunta. Kien l-Isqof Gargallo li fl-1588 jirrimarka li d-devozzjoni f'din il-knisja kienet inbidlet għal dik tat-Twelid tal-Madonna, u magħha nbidel il-kwadru titulari. Fl-1634 kien hemm xi dħul ta' renti minn legati li tħallewlha, biss fil-viżita pastorali tal-Isqof Fra Ġwann Balaguer de Camarasa tal-1652 insibu li din il-knisja kienet ġiet ipprofanata. L-istess xorti messet lil numru ta' knejjes oħra fil-viċinanzi fosthom dawk ta' San Leonardu, Santu Rokku, San Pawl Appostlu u Santa Marija. Dan ġara minħabba li kienu ġew traskurati u miżmuma f'kundizzjoni ħażina. Din il-knisja reġgħet inbniet wara l-Assedju l-Kbir meta d-devozzjoni lejn Marija Bambina, li bl-interċessjoni tagħha ntrebaħ l-Assedju, kien daħal ħafna fil-qlub tad-devoti Maltin. Il-knisja tlestiet fl-1686.

Din l-istorja ta' devozzjonijiet u knejjes ipprofonati fil-viċinanzi huma riflessi fl-artali tal-Knisja tal-Vitorja, dan għaliex tista' tgħid li l-kulti li semmejna sa issa huma kollha rappreżentati bl-artali ta' din il-knisja. Minbarra l-artal titulari, bil-kwadru li juri liċ-ċkejkna Madonna flimkien mal-ġenituri tagħha Sant'Anna u San Ġwakkin, hemm erba' artali oħra fil-ġnub. Dawn huma ddedikati lil Santa Marija, San Pawl, San Leonardu u Santu Rokku, jekk tiftakru kollha kulti bi knejjes li semmejna li ġew ipprofanati fis-seklu 17. B'tifkira ta' dawn il-knejjes ipprofanati sar ukoll salib kommemorattiv tal-ġebel fil-pjazza tal-Vitorja. Ta' min jinnota li fuqu hemm minqux is-sena 1688.

**L-artal ta' San Leonardu**

L-artal iddedikat lil San Leonardu jinsab fuq il-lemin fin-naħa ta' wara tal-knisja u maġenb dak iddedikat lil Santu Rokku. L-artal huwa mżejjen bi prospettivi mill-isbaħ, b'kolonni u pedimenti skulturati fil-ġebla Maltija. Huwa magħruf li dan l-artal inbena fi żmien il-Gran Mastru Fra Nicholas Cottoner (1608-1680), li serva bħala Gran Mastru tal-Ordni ta' San Ġwann bejn l-1663 u l-1680. Probbabilment il-kwadru ta' San Leonardu huwa l-aħħar wieħed li ġie kkummisjonat. Mhux magħruf eżatt min pitter dan il-kwadru però t-teknika użata taqbel ħafna max-xogħol tal-artist Malti Gio Nicola Buhagiar (1698-1752), li kien fl-aqwa tiegħu fil-bidu tas-seklu tmintax.

Fil-kapitlu *'Filial Churches in Qormi: A Historical, Architectural and Artistic Analysis'*, tal-ktieb tiegħu *Filial Churches in Malta: Qormi a case study*, Hilary Spiteri jirrimarka li San Leonardu kien wieħed mill-qaddisin meqjuma mill-poplu. Id-devozzjoni kibret aktar minħabba l-interċessjoni tiegħu għal dawk in-nisa fil-mument tal-ħlas, il-ħelsien tal-iskjavi u saħansitra l-fejqan ta' merħliet mill-mard. Skont il-leġġenda, jingħad li priġunieri li kienu jitolbu l-interċessjoni ta' San Leonardu miċ-ċelel tagħhom kienu jaraw il-ktajjen jitqaċċtu minn idejhom. Ħafna kienu jmorru għandu bil-ktajjen u joffruhomlu bħala testimonjanza.

Dan l-artal bil-kwadru tal-Qaddis Patrun tagħna kien tassew sorpriża sabiħa għalija. Nistedinkom sabiex meta tkunu Ħal Qormi tfittxu din il-knisja u tidħlu tapprezzaw dan l-artal.



***L-altar ta' San Anard (ritratt H. Spiteri)***

## Bibljografija

Hilary Spiteri, *Filial Churches in Malta: Qormi a case study*, Horizons, Malta, 2016

http://www.kappellimaltin.com/Il-Kappelli/Sett07/QRM_Vitorja/qrm_vitorja.html

Ħajr lis-Sur David Galea tal-għajnuna tiegħu